# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 8 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**
**vs**
**Damiano Rannisi Torrisi**

**Drogi Numru 80/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Damiano Rannisi Torrisi, ta' 42 sena, Iben Sergio u Maria nee Stano, imwieled nhar l-10 ta' Mejju 1978, residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' Taljana numru AS 8995253.

Akkuzati talli fis-26 ta' Jannar 2019 gewwail-Facilita' Korrettiva ta' Kordin Paola Malta:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (57-ADB) f'l-ammont totali ta' 3.225 grammi, minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur ta'l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjoinijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha.

Il-Qorti giet mitlub li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll biex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug a tenur ta' l-artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstema' bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi f'l-ewwel lok jinghad li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u la darba ir-reat in ezami sehh meta l-imputat kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, il-piena *għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw*. Dan ifisser mhux biss li l-piena necessarjament ghandha tizdied almenu bi grad u fid-diskrezzjoni tal-Qorti anke b'zewg gradi.

Illi mill-piena prospettata ghar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat ai termini ta'l-artikolu 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' prigunerija ghal mhux anqas minn tlett u mhux aktar minn tnax il-xahar prigunerija jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) u mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew dik il-prigunerija u l-multa flimkien. La darba il-piena ghandha tizdied bi grad, ai termini ta'l-artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-multa issir prigunerija ta' mhux aktar minn tlett xhur, u l-prigunerija ta' tlett xhur sa tnax il-xahar issir prigunerija minn sitt xhur sa tmintax il-xahar.

Illi l-Qorti wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet u tenur kont l-ammont minimu ta' sustanza li nstabet taqbel li ghandha tapplika tapplika piena fil-minimu permissibbli; ghalhekk qed taghzel li timponi il-multa b'zieda ta' grad.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 40A, 120A(1)(2)(b)(ii), u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3 ta'l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u **tikkundannah xahar (1) prigunerija**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tikkundanna lill-imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €265.50 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti**. In konkluzzjoni qed **tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita f'l-atti ta'l-inkjesta** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**